

Rwoli u responsabbiltajiet tal-IMI

1. INTRODUZZJONI	2
2. RWOLI TAL-AWTORITÀ.....	2
2.1. IL-KOORDINATURI NAZZJONALI TAL-IMI	2
2.2. IL-MANIĠERS TAL-AĊĊESS	2
2.3. IL-KOORDINATURI.....	3
2.4. L-AWTORITAJIET	3
3. RWOLI TAL-UTENT (AMMINISTRATTIVI U RELATATI MAL-KONTENUT)	4
3.1. IR-RWOL TAL-AMMINISTRATUR	4
3.2. IR-RWOLI TAL-UTENT GĦAL MODULI DIFFERENTI (RWOL RELATAT MAL-KONTENUT)	5
3.2.1. IR-RWOLI TAL-UTENT GĦAL TALBIET TA' INFORMAZZJONI	5
3.2.2. IR-RWOLI GĦAN-NOTIFIKI U T-TWISSIJET	5
3.2.3. IR-RWOLI GĦAL REPOŻITORJI (BAŽIJET TAD-DEJTA U REĠISTRI)	6



1. INTRODUZZJONI

Din il-gwida tagħtik tagħrif dwar id-diversi tipi ta' awtoritajiet reġistrati fl-IMI u r-rwoli tagħhom. Tispjega wkoll ir-rwoli li jistgħu jiġu assenjati lill-utenti individwali.

2. RWOLI TAL-AWTORITÀ

Erba' rwoli li għandhom l-awtoritajiet huma deskritti hawn taħt. Madankollu, hu importanti li wieħed jifhem li awtorità unika tista' tiġi assenjata r-rwoli kollha jew xi wħud minnhom - jew wieħed biss.

2.1. IL-KOORDINATURI NAZZJONALI TAL-IMI

Kull Stat Membru jkollu Koordinatur Nazzjonali tal-IMI jew **NIMIC**, li r-responsabbiltajiet tiegħu huma stabbiliti fir-[Regolament tal-IMI](#)¹. Ir-rwol ta' NIMIC hu li jiġi żgurat li l-IMI jaħdem bla xkiel:

- jirreġistra awtoritajiet adatti
- jimmaniġġja l-aċċess għal moduli differenti
- jappoġġja lill-utenti u jiżgura l-funzjonament effiċjenti tal-IMI.

Skont l-istruttura nazzjonali, NIMIC jista' jagħżel li jiddelega wħud minn dawn ir-responsabbiltajiet lil awtoritajiet oħrajn, p.e. awtoritajiet ta' reġistrazzjoni, billi jiġi assenjat lilhom ir-rwol tal-**Maniġer tal-Aċċess**. Jista' jiddelega wkoll assistenza relatata mal-kontenut billi jassenja r-rwol ta' **Koordinatur** għal moduli speċifiċi (sabiex ikunu jistgħu jgħinu biex jiżguraw li t-talbiet, in-notifiki jew it-twissijiet jiġu tratti f'waqthom u b'mod effettiv).

2.2. IL-MANIĠERS TAL-AĊĊESS

In-NIMICs kollha huma awtomatikament Maniġers tal-Aċċess u jistgħu jaħtru awtoritajiet oħrajn biex jieħdu dan ir-rwol (ara hawn fuq).

Il-Maniġer tal-Aċċess iwettaq kompiti amministrattivi u jista':

- jirreġistra l-awtoritajiet (u l-utenti) fl-IMI
- jimmaniġġja d-dejta u l-utenti għal awtoritajiet eżistenti
- jagħti jew ineħħi l-aċċess għal moduli differenti tal-IMI
- jimmaniġġja l-introduzzjoni ta' moduli ġodda (billi jirreġistra awtoritajiet ġodda għall-modulu u/jew jippermetti aċċess lill-awtoritajiet eżistenti għall-modulu l-ġdid).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI")

2.3. IL-KOORDINATURI

Ir-rwol ta' koordinatur illinkjat jista' jiġi assenjat lil waħda jew aktar mill-awtoritajiet għal modulu partikulari. Dan ir-rwol jinvolvi l-immonitarjar tal-iskambji ta' informazzjoni u jista' jfisser li japprova talbiet, tweġibiet, notifiki jew twissijiet ħerġin għall-awtoritajiet li l-Koordinatur hu llinkjat magħhom. Fil-każ ta' talba ta' informazzjoni din tista' tfisser ukoll it-trattament tat-talbiet magħmula mill-awtorità li tibgħat jew tirċievi l-assistenza.

Awtorità tista' tiġi reġistrata bħala Koordinatur għal modulu wieħed (p.e. Notifikazzjonijiet tas-servizzi) iżda tista' sempliċement tagħxi bħala awtorità għal modulu ieħor (p.e. Talba ta' informazzjoni dwar il-kollokazzjoni tal-ħaddiema). Awtorità reġistrata bħala Koordinatur għal modulu partikulari tista' wkoll twettaq kwalunkwe kompitu ta' awtorità regolari għal dak il-modulu (p.e. abbozzar u tibgħat talba ta' informazzjoni).

FLUSS TAX-XOGĦOL	KOORDINATUR (koordinatur illinkjat)	AWTORITÀ
Talbiet ta' informazzjoni	Jimmonitorja t-talbiet Japprova t-talbiet (fakultattiv)* Jitratta r-riferimenti*	Tittratta t-talbiet (tibgħat, tirċievi u twieġeb it-talbiet, eċċ.)
Notifiki u twissijiet	Jimmonitorja n-notifiki u t-twissijiet Japprova n-notifiki u jxandar in-notifiki u t-twissijiet* Jippropaga n-notifiki u t-twissijiet*	Tittratta n-notifiki u t-twissijiet (tibgħat notifiki u twissijiet, tikkummenta u tehmeż dokumenti, eċċ.)
Repożitorji (Bażijiet tad-dejta u reġistri)	Ø	Tirrikordja l-entrati fir-repożitorji

Dawn il-kompiti jistgħu jiġu esegwiti minn utenti bi drittijiet ta' **Approvatur biss u għal skambji li għalihom il-koordinatur hu llinkjat (ara t-taqsima 3 dwar ir-rwoli tal-utent).*

2.4. L-AWTORITAJIET

L-atturi prinċipali fl-IMI huma l-awtoritajiet kompetenti fl-UE, jew l-Islanda, il-Liechtenstein jew in-Norveġja (iż-Żona Ekonomika Ewropea) li jużaw is-sistema biex jiskambjaw informazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom. Skont il-kompetenzi u d-drittijiet ta' aċċess tagħhom fl-IMI, jibagħtu u jirċievu talbiet ta' informazzjoni, notifiki u twissijiet, u jimmaniġġjaw l-entrati fir-reġistri (bħal Liċenzji ta' Flus Kontanti fi Tranżitu jew id-Direttorju tar-Reġistri).

Jekk awtorità hi reġistrata fl-IMI b'aċċess għal ċertu modulu, iżda ma għandhiex rwol ta' Koordinatur, titqies li għandha r-rwol ta' "awtorità" għal dak il-modulu.

3. RWOLI TAL-UTENT (AMMINISTRATTIVI U RELATATI MAL-KONTENUT)

Billi l-awtoritajiet reġistrati fl-IMI jvarjaw ħafna fid-daqs u l-organizzazzjoni s-sistema hi flessibbli. Awtorità żgħira li timmaniġġja relattivament ftit talbiet tista' tirreġistra wieħed jew żewġ utenti biss biex iwettqu l-kompiti kollha fl-IMI (preferibbilment **mill-anqas 2, bħala back-up**). Min-naħa l-oħra, awtorità bħal Kamra tal-Mediċina li timmaniġġja volum għoli ta' talbiet, tista' tirreġistra diversi utenti tal-IMI bi drittijiet differenti tal-utent. Utent reġistrat tal-IMI jappartjeni għal awtorità waħda biss.

3.1. IR-RWOL TAL-AMMINISTRATUR

Kull awtorità fl-IMI għandha mill-anqas utent 1 bi rwol ta' Amministratur. L-ewwel utent reġistrat għal awtorità jiġi assenjat awtomatikament dan ir-rwol, li jista' jiġi assenjat ukoll lil utenti oħrajn.

L-utenti bi drittijiet ta' amministratur jistgħu:

- jappdejtjaw id-dejta dwar l-awtorità tagħhom
- jirreġistraw utenti addizzjonali
- jimmaniġġjaw l-utenti tal-awtorità kollha (inkluż it-tneħħija ta' utenti, l-editjar tad-dejta tal-utent, jibdlu d-drittijiet tal-utent u jissettjaw mill-ġdid il-passwords).

Amministratur f'awtorità bir-rwol ta' Maniġer tal-Aċċess jista' wkoll jirreġistra awtoritajiet ġodda fl-IMI u jimmaniġġja d-drittijiet ta' aċċess, awtorità tad-dejta, u utenti għal awtoritajiet oħrajn.

AMMINISTRATTORI F'MANIĠER TAL-AĊĊESS	AMMINISTRATTORI F'AWTORITÀ
Jirreġistraw awtoritajiet ġodda Jistiednu lill-awtoritajiet għall-awtoreġistrazzjoni u jivvalidaw ir-reġistrazzjoni tagħhom	Awtoreġistrazzjoni
Jagħtu aċċess għal moduli ġodda	Ø
Għall-awtorità tagħhom stess u għall-awtoritajiet oħra : - Jimmaniġġjaw id-dejta tal-awtorità - Jimmaniġġjaw l-utenti (jirreġistraw, jappdejtjaw u jneħħu l-utenti, u jissettjaw mill-ġdid il-passwords)	Għall-awtorità tagħhom stess: - Jimmaniġġjaw id-dejta tal-awtorità - Jimmaniġġjaw l-utenti (jirreġistraw, jappdejtjaw u jneħħu l-utenti, u jissettjaw mill-ġdid il-passwords)

 Hu rikkmandat li l-awtoritajiet ikollhom **mill-anqas 2 utenti bi drittijiet ta' amministratur** - hu importanti li jkun hemm sostitut għall-immaniġġjar tal-aċċess tal-utent bħat-tibdil tal-passwords u r-reġistrazzjoni tal-utenti ġodda.

3.2. IR-RWOLI TAL-UTENT GĦAL MODULI DIFFERENTI (RWOL RELATAT MAL-KONTENUT)

It-tabella li ġejja turi r-rwoli tal-utent għal tipi differenti ta' skambju ta' informazzjoni.

	TALBIET GĦALL- INFORMAZZJONI	NOTIFIKI / TWISSIJET	REPOŻITORJI
Osservatur	✓	✓	✓
Amministratur	✓	✓	✓
Approvatur*	✓	✓	
Allokatur	✓		

**L-awtoritajiet maħtura bħala koordinaturi għal modulu partikulari biss jistgħu jkollhom utenti bi rwol ta' Approvatur.*

3.2.1. IR-RWOLI TAL-UTENT GĦAL TALBIET TA' INFORMAZZJONI

Utenti bi drittijiet ta' Osservatur jistgħu jaraw jew jipprintjaw id-dettalji kollha ta' talbiet mibgħuta jew li waslu għand l-awtorità tagħhom (inkluża d-dejta personali), iżda ma jistgħux jieħdu azzjoni dwar it-talbiet.

Utenti bi drittijiet ta' **Amministratur** jistgħu jibagħtu u jwieġbu għal talbiet ta' informazzjoni f'isem l-awtorità tagħhom. Kull awtorità għandu jkollha tal-anqas amministratur tat-talbiet wieħed b'aċċess għal modulu ta' talba.

Allokatur jista' jassenja t-talbiet ta' amministraturi ta' talbiet partikulari skont is-suġġett jew kriterji oħra. Din l-allokkazzjoni hi tipika għal awtoritajiet kompetenti akbar li jimmaniġġjaw ħafna talbiet. Meta tattiva proċess ta' allokkazzjoni, awtorità jeħtiġilha li jkollha mill-anqas allokatatur 1. Amministraturi tal-Awtorità huma assenjati awtomatikament drittijiet ta' allokatatur, li jistgħu jiddeċiedu li jassenjaw lil utenti oħrajn.

Il-profil tal-utent ta' hawn fuq jistgħu jsiru f'kull awtorità b'aċċess għal modulu ta' talba, inklużi l-awtoritajiet li jaġixxu bħala koordinaturi għal talba ta' informazzjoni (koordinaturi tat-talbiet).

Profil ta' **Approvatur** jista' jinżamm **biss** mill-Koordinaturi. Dawn l-utenti huma responsabbli għall-approvazzjoni ta' talbiet u/jew tweġibiet heġġin għal dawk l-awtoritajiet suġġetti għall-approvazzjoni. L-Approvaturi jittrattaw ukoll kwalunkwe talba għal assistenza. Ir-riferimenti huma mod ta' tluġh ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet dwar skambju ta' informazzjoni. Kull Koordinatur għandu jkollu mill-anqas utent wieħed maħtur bħala Approvatur.

3.2.2. IR-RWOLI GĦAN-NOTIFIKI U T-TWISSIJET

L-**Osservaturi** jistgħu jaraw id-dettalji kollha tan-notifiki u tat-twissijiet kollha mibgħuta jew riċevuti mill-awtorità tagħhom. Huma jistgħu jipprintjawhom, iżda ma jistgħux, pereżempju, jibagħtuhom jew iwiġbuhom.

L-**Amministraturi** jittrattaw in-notifiki u t-twissijiet f'isem l-awtorità tagħhom. Jistgħu jagħtu bidu għal notifiki/twissijiet u jissottomettuhom lil koordinatur għall-approvazzjoni. Huma jirċievu wkoll notifiki/twissijiet u jistgħu jirreaġixxu għalihom (iżidu kummenti, japplowdjaw id-dokumenti).

Madankollu, huma ma jistgħux ixandruhom jew jippropagawhom, anki jekk l-awtorità tagħhom hi Koordinatur għal modulu konċernat.

Ir-rwol ta' **Approvatur** jista' jinżamm **biss** minn utenti f'awtorità li taġixxi bħala **Koordinatur** għal modulu konċernat. Dawn l-utenti huma responsabbli għall-approvazzjoni u x-xandir tan-notifiki jew tat-twissijiet u għall-propagazzjoni tagħhom f'pajjiżhom stess. Biex ikun jista' jabbozza u jissottometti notifiki u twissijiet, l-Approvatur għandu jkollu wkoll ir-rwol ta' amministratur.

3.2.3. IR-RWOLI GĦAL REPOŻITORJI (BAŻIJET TAD-DEJTA U REĠISTRI)

L-**Osservaturi** jistgħu jaraw id-dettalji kollha fl-entrati fir-repożitorju li għandha aċċess għalihom l-awtorità tagħhom. Huma jistgħu jikkonsultaw u jipprintjaw id-dettalji tal-entrati, iżda ma jistgħux, pereżempju, joħolqu jew jeditjaw waħda.

L-**Amministraturi** jimmaniġġjaw ir-repożitorji u d-direttorji f'isem l-awtorità tagħhom. Dawn jistgħu joħolqu entrati ġodda tar-repożitorju u jattivawhom (jippubblikawhom) fl-IMI. Huma jistgħu wkoll jeditjaw jew jiddiżattivaw l-entrati, skont l-ispeċifikitajiet tar-repożitorju inkwistjoni.